MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 529/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Stephen Mifsud**
***… omissis …***
***… omissis…***

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Stephen Mifsud talli:

(1) flimkien ma’ *omissis* u *omissis*, matul il-lejl ta’ bejn il-hamsa u ghoxrin (25) u s-sitta u ghoxrin (26) ta’ Novembru 2011 f’dawn l-Gzejjer assocjaw ruhhom flimkien bil-ghan li jaghmlu delitt li ghalieh hemm piena ta’ prigunerija, u cioe` d-delitt ta’ serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jaqbez l-ammont ta’ elfejn, tliet mija u

disgha u ghoxrin euro u erbgha u disghin centezmu (€2,329.94), u kif ukoll bil-hin;

(2) b'hekk renda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Dicembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l- artikoli 48A, 49, 50, 277(b), 280(2), 289, 325(b), 533 u 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Stephen Mifsudipprezentat fis-27 ta' Dicemmru 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fl-intier taghha, tvarja l-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Dan huwa appell mill-piena peress illi l-appellant iqis li setghet tigi mposta piena aktar ekwa u gusta. Jghid illi, filwaqt illi l-ewwel Qorti sahqet fuq l-aspett retributtuv u deterrent, ma tatx importanza misthoqqha lill-aspett riformattiv. Huwa kien ghadu kemm hareg mill-habs ftit granet qabel ma sehh ir-reat odjern u ghalhekk piena effettiva ta' prigunerija mhijiex se tghin is-sitwazzjoni difficli tieghu. Ghalkemm ma kellu xejn anqas minn hamsa u ghoxrin kundanna, dan ma jfissirx illi m'ghandux jinghata opportunita` ohra. Jirreferi ghal diversi kawzi fejn sentenzi ta' prigunerija gew mibdula f'ordnijiet ta' *probation* u/jew ordni ta' servizz fil-komunita` anke fejn il-hatja kienu recidivi. Jghid illi, bhal fil-kaz **Il-Pulizija v. George Farrugia**[1], hu mhuwiex persuna ta' eta` zghira u

[1] Appell Kriminali, 18 ta' Jannar 2001.

issa spicca f'din is-sitwazzjoni peress illi m kellux fejn joqghod u spicca ma' kumpanija hazina.

**6.** Fejn temmen illi ordni ta' *probation* u/jew ordni ta' servizz fil-komunita` se jkunu utili sabiex persuna timxi fit-triq it-tajba, din il-Qorti tkun l-ewwel darba li taghmel uzu minn dawn il-metodi.

**7.** Issa, f'dan il-kaz irid jinghad fl-ewwel lok li hawn si trattava ta' ammissjoni, u fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Huwa l-kaz li jigi sottolineat ukoll li skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

**8.** `Kwantu ghall-piena, dik applikabbli fil-kaz odjern tinhadem hekk. Id-delitt li l-appellant gie akkuzat li assocja ruhu biex jitwettaq kien ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-valur li jaqbez l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u erbgha u disghin centezmu (€2,329.94), u kif ukoll bil-hin. Il-piena ghal serq ikkwalifikat bi vjolenza numerika hija ta' prigunerija minn disa' xhur sa tliet snin (art. 276 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) li tizdied bi grad jew tnejn meta akkumpanjat bil-kwalifika tal-mezz, sew jekk ma' kwalifiki ohra kemm
minghajrhom (art. 277(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan ifisser illi l-oghla piena applikabbli tkun ta' hames snin. Pero`, is-serq in kwistjoni kien akkumpanjat anke bil-kwalifika tal-valur valur li jaqbez l-ammont ta' elfejn, tliet

mija u disgha u ghoxrin euro u erbgha u disghin centezmu (€2,329.94). Skond l-artikolu 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta: “Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-‘valur’, ikun akkumpanjat ukoll bil-kwalifika tal-‘vjolenza’ jew tal-‘mezz’, jew bit-tnejn, għandha tingħata l-piena li hemm għas-serq akkumpanjat b’dawk il-kwalifiki: Iżda, jekk din il-piena tkun anqas mill-pieni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandhom jingħataw dawn l-aħħar pieni miżjuda bi grad.” Il-piena fejn is-serq ikkwalifikat bil-valur ikun jaqbez l-ammont ta’ elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u erbgha u disghin centezmu (€2,329.94) hi ta’ prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba’ snin (artikolu 279 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta). Evidentement din hija piena oghla u ghalhekk hija din il-piena applikabbli izda mizjuda bi grad, cioe` l-piena titla’ ghal minimu ta’ tmintax-il xahar sa massimu ta’ tnax-il sena (artikolu 31(1)(b)(ix)(viii)(iv)(iii)). L-appellant gie akkuzat u nstab hati ta’ assocjazzjoni fid-delitt in kwistjoni. Ghalhekk il-piena trid tonqos b’zewg gradi jew tlieta (artikolu 48A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta). Jekk tonqos b’zewg gradi tinzel ghal minimu ta’ disa’ xhur u massimu ta’ sitt snin, u jekk tonqos bi tliet gradi tinzel ghal minimu ta’ seba’ xhur u massimu ta’ hames snin. Peress illi nstab hati ta’ l-addebitu ta’ recidiva anke skond l-artikolu 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-massimu tieghu, cioe` fejn il-piena tista’ tizdied minngrad sa tliet gradi, kieku l-piena kellha tizdied fil-massimu taghha possibbli, din terga’ titla’ ghal massimu ta’ tnax-il sena. Jigifieri l-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet zgur fil-parametri tal-ligi u aktar lejn il-minimu milli lejn il-massimu.

**9.** Stabbilit dan, il-Qorti ezaminat l-atti sabiex tara jekk jezistux ragunijiet suficjenti li jistghu jwasslu lil din il-Qorti tvarja l-piena nflitta. Il-fatt li l-appellant ghandu certa eta` – meta sehh ir-reat in kwistjoni kellu disgha u tletin sena – ifisser illi kien jaf jiddistingwi bejn dak li huwa tajjeb u dak li huwa hazin; kien jaf x’inhu reat u x’mhuwiex. Jirrizulta wkoll mill-atti illi, *ex admissis*, dahal f’din l-assocjazzjoni proprju erbat ijiem wara li kien hareg mill-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin. Mhijiex gustifikazzjoni li ma kellux fejn joqghod u spicca f’kumpanija hazina. Imbaghad dawk li kienu ko-imputati mieghu kienu bil-wisq izghar minnu –

wiehed dsatax-il sena u l-iehor ghoxrin sena. Jigifieri semmai kellu jkun hu li jwaqqafhom milli jiksru l-ligi. L-appellant imissu qatta' z-zmien tieghu fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin b'mod pozittiv u jiehu vantagg mill-ghajnuniet kollha li jinghataw, anke biex isib post adegwat fejn joqghod. Sfortunatament l-appellant jidher li huwa bniedem li ma jridx jitghallem. Fil-fatt, mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta illi huwa gie kkundannat sentenzi ta' prigunerija mhux anqas minn tmien darbiet. Pero` jirrizulta wkoll illi nghata *conditional discharge* darbtejn u ordni ta' *probation* darba. Inoltre gie kkundannat *ammenda* darbtejn, multa sitt darbiet, u sentenza sospiza ta' prigunerija darba. Ir-reati jvarjaw minn diversi reati kontravvenzjonali, ghal ksur ta' ligijiet tat-traffiku, offizi ta' natura hafifa, hsara volontarja, pussess u traffikar ta' droga, u sensiela twila ta' serqiet. F'dawn ic-cirkostanzi u peress illi l-Qorti ghandha responsabbilta` wkoll lejn is-socjeta` billi tipprotegiha minn persuni refrattarji bhalma kien s'issa l-appellant, din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni sabiex tvarja n-natura tal-piena nflitta fuq l-appellant.

**10.** Ghal dak li jirrigwarda l-*quantum*, diga` ntqal li l-piena hi fil-parametri tal-ligi. Inoltre, bhalma ntqal f'**Blackstone's Criminal Practice 2004**:

**"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'…that this court***

***never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."*** **Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [2]

**11.** Din hija l-pozizzjoni li konsistentement hadet din il-Qorti. Ghalhekk ma tarax li hemm lok li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-*quantum* tal-piena.

**12.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din tirrigwarda l-appellant Stephen Mifsud.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Page 1695, para. D23.45